# Kumitat Amministrattiv SWATAR

**Kunsilli Lokali Birkirkara u L-Imsida**

Swatar Administrative Committee – Birkirkara and L-Imsida Local Councils

DATA: 10 t'Awissu 2011

## Suġġerimenti tar-rotot tal-Arriva mill-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar

Is-Swatar hija żona li l-konfini tagħha jinsabu maqsuma bejn Birkirkara u L-Imsida. F'din iż-żona joqogħdu madwar 5,000 ruħ fejn il-medja ta' etajiet li jgħixu f'din iż-żona hija pjuttost żagħżugħa. Ir-residenti tas-Swatar jużaw ħafna it-trasport pubbliku pero bl-introduzzjoni tar-rotot 'l ġodda tal-Arriva, r-residenti tas-Swatar m'humiex qegħdin jinqdew tajjeb. Ir-rotta li qabel kienet tkun 169 kienu jirkbuha ħafna nies speċjalment dawk li riedu jmorru għax-xogħol il-Belt Valletta. Fix-xitwa, kienu jiżdiedu wkoll dawk l-istudenti li jkunu jridu jieqfu l-Imsida għal Junior College. Din ir-rotta, in-nies kienu drawha u kienu jsibuha ħafna konvenjenti għalihom. L-unika problema li r-residenti kienu jsibu b'din ir-rotta hi għax kienet taħdem kull siegħa.

# Rotta 110 (Swatar)

Din ir-rotta tieħu ħsieb li ddur is-Swatar u twassal lir-residenti sal-*interchanges* ta' Birkirkara, Tal-Qroqq jew Mater Dei. Apparti li l-ħinijiet tagħha ta' kull nofs siegħa mhux qed jinżammu, din ir-rotta mhux qed tintuża daqstant mir-residenti tas-Swatar għax mhux qed tkun konvenjenti speċjalment għan-nies li jridu jmorru xogħol il-Belt Valletta li dawn ikunu numerużi speċjalment ċerti ħinijiet matul 'l ġurnata. Peress li trid tieqaf Mater Dei u minn hemm trid toqgħod tistenna Bus oħra sabiex tieħdok lejn il-Belt Valletta, ir-residenti qed idumu biex jaslu l-Belt Valletta li jispiċċaw ikollhom jaqbdu rotot oħra li huma: Rotta 31 li tgħaddi mill-By-Pass jew inkella rotot 41, 42, 43 li jgħaddu minn Triq il-Wied, L-Imsida li fix-xitwa, meta tkun ix-xita, din it-Triq ma tkunx aċċessibli minħabba l-ammont kbir ta' ilma li jgħaddi minnha. Fix-xitwa, jiżdiedu wkoll dawk l-istudenti li jridu jieqfu l-Imsida, u r-rotta 110, jekk titranġa r-rotta tagħha, tkun konvenjenti għalihom ukoll.

Barra minn hekk, din ir-rotta (110) mhux qed taqdi r-residenti tas-Swatar li joqgħodu n-naħa tal-Imsida u allura hija ferm importanti li jiżdiedu l-Bus Stops lejn in-naħa tal-Imsida u titwal ir-rotta.

### Suġġerimenti għar-Rotta 110:

1) Jinżammu l-ħinijiet ta' kull nofs siegħa sabiex ir-residenti jkunu jafu bejn wieħed u ieħor fi x'ħin ser tasal ir-rotta 110;

2) Ir-Rotta 110 jkollha rotot differenti skont il-ġranet kif ġej:
    - Mit-Tnejn sal-Ġimgħa r-rotta tkun – Swatar – Mater Dei – L-Università (Tal-Qroqq) – L-Imsida – Belt Valletta u lura.
    - Is-Sibt, il-Ħadd u festi pubbliċi ir-rotta tibqa' kif inhi llum bħala *interchange*;

3) Jiżdiedu l-Bus-Stops ġewwa s-Swatar L-Imsida u titwal ir-rotta tas-Swatar sabiex tilħaq ir-residenti kollha tas-Swatar. *Stages* addizzjonali għandhom ikunu fi Triq is-Swatar mal-ġenb ta' St. Martins College kif ukoll fi Triq Indri Grima.

B’hekk, din ir-rotta, barra li tkun qed taqdi lir-residenti tas-Swatar, tkun qed tiżdied Bus oħra li tgħaddi mill-Imsida u l-Universita’ u tnaqqas mill-istennija tan-nies li jkunu jridu jmorru l-Belt Valletta jew mill-Belt immorru lejn L-Imsida jew L-Universita’.

# Rotta 31 (Buġibba)

Din ir-rotta tgħaddi mill-By-Pass ta' Birkirkara (Triq Dun Karm) u bħalissa tieqaf ħdejn Bus-Stop (SISLA) li jinsab ħdejn il-banka tal-lottu fi Triq Dun Karm. Din il-Bus-Stop tagħti għal wieħed mill-aċċessi għas-Swatar li ħafna mir-residenti tas-Swatar ukoll jużawha. Bħalissa, qabel tasal is-Swatar, il-Bus li titlaq mill-Belt Valletta titla' mit-telgħa tal-Imsida, iddur mar-*roundabout* Tal-Qroqq biex tieqaf fuq Bus-Stop wieħed, imbaghad taqbad il-By-Pass ta’ Birkirkara, tidħol Mater Dei biex tieqaf xi 3 darbiet oħra, terga' lura minn taħt il-bridge u ddur id-dawra sħiħa f'dak il-link li hemm quddiem l-HSBC (jiġifieri terga' tmur lura) biex tidħol fil-By-Pass lejn it-Tramuntana. Imbagħad tasal fuq il-bus stop li jismu SISLA u li jinsab ħdejn il-banka tal-lottu. Naħseb din kollha rotta żejda meta minn fuq il-bus stop SISLA jgħaddu 3 *Buses* oħra li jmorru Mater Dei. Min irid imur Mater Dei jista' faċilment jaqbad lilhom. L-istess jgħodd għall-Bus-Stop SISLA fid-direzzjoni lejn il-Belt Valletta. Qabel tibqa' sejra lejn il-Belt Valletta, il-Bus tidħol Mater Dei u toqgħod tagħmel ħafna dawrien meta Mater Dei hu aċċessibbli bi 3 Buses oħra minn fuq l-istess Bus-Stop.

Barra minn hekk, din ir-rotta (31), mill-Belt Valletta, qed titlaq dejjem mimlija u tħalli n-niex ta’ fuq l-istages l-art għax tkun full up. Bl-istess mod meta titlaq minn Buġibba ukoll tkun mimlija diġa. Din is-sitwazzjoni ser tkun għar fix-xitwa meta jibdew l-iskejjel.

**Suġġerimenti għar-Rotta 31:**

1) Rotta 31 jitneħħila d-dħul f’Mater Dei u b’hekk ma toqgħodx tagħmel ħafna dawrien meta Mater Dei hu aċċessibbli bi 3 Buses oħra minn fuq l-istess Bus-Stop.

B’hekk in-nies tas-Swatar ikunu moqdijin ftit aħjar u ma joqogħdux iduru fl-istess nofs kilometru kwadru xi 3 darbiet (xi 10 minuti għalxejn) qabel jaslu fuq l-*istage* jismu SISLA biex jinżlu minnhu.

**JEW**

2) L-*istage* SISLA jmur quddiem l-HSBC (jagħmel aktar sens anki l-isem) u l-Bus tibdel ir-rotta kif gej: Wara li tidħol fil-By-Pass ta’ Birkirkara, flok tmur Mater Dei mill-ewwel, tidħol fis-Swatar u tniżżel in-nies tas-Swatar quddiem l-HSBC jew ftit 'l fuq. Imbagħad tikser lejn il-Mater Dei minn quddiem it-Tower Bisuness Centre.

B’hekk il-postijiet fil-Bus li jitbattlu min-nies li jkunu niżlu fuq l-*istage* SISLA, jkunu jistgħu jimtlew minn dawk li jkunu qed jistennew Mater Dei u jkunu jridu jmorru lejn Naxxar, Mosta u Buġibba.

*L-iktar soluzzjoni vantaġġjuża hi li Mater Dei titneħħa mir-rotta u b’hekk anki n-nies li jkunu sejrin Buġibba jdumu inqas biex jasslu. Jekk dan mhux possibli, it-tieni soluzzjoni hija valida wkoll.*

3) Għandhom jiżdiedu aktar Buses f’din ir-rotta sabiex kullħadd jinqeda aħjar u ħadd ma jibqa’ l-art jew idum jistenna.

4) Il-Bus-Stop SISLA għandu jiġi mmarkat bħala SWATAR għax iż-żona TAS-SISLA tinsab direttament fis-SWATAR.

# Rotot 41, 42, 43 (Jgħaddu minn Triq il-Wied)

Speċjalment filgħodu kmieni, jkun hemm ħafna nies jistennew dawn ir-rotot jgħaddu sabiex immoru jew il-Belt Valletta jew inkella jieqfu l-Imsida. Ħafna drabi l-Buses 41, 42, 43 jkunu diġa ppakjati bin-nies qabel ma jgħaddu minn Triq il-Wied u anki *stage*s qabel u jħallu ħafna nies jistennew fil-Bus-Stops. Dawn in-nies jispiċċaw jistennew għal aktar minn nofs siegħa. Din is-sitwazzjoni ser tigrava aktar fix-Xitwa fejn jiżdiedu l-istudenti tal-Junior College kif ukoll tal-iskejjel. Il-Buses għandhom ikunu aktar frekwenti fejn tal-inqas, in nies jistennew sa massimu ta’ kwarta (Avolja fit-tabelli ma ġemb il-Bus-Stops hemm miktub li ser tistenna sa massimu ta’ 7 minuti).

**Suġġerimenti għar-Rotot 41, 42, 43 kif ukoll Bus-Stops fi Triq il-Wied:**

1) Jiżdiedu aktar Buses f’din ir-rotta sabiex l-istennija fuq l-*istages* tkun anqas sa massimu ta’ kwarta.
2) Fi Triq il-Wied l-Imsida, il-Bus-Stops huma kollha mmarkati SWATAR b'ismijiet relatati mas-SWATAR imma fil-verita' jinsabu barra mit-territorju tas-SWATAR u jinsabu direttament fl-Imsida. (bħal ŻERNIEQ). Dawn għandhom jinbidlilhom isimhom għax in-nies mhux qed ikunu gwidati tajjeb b’dawn l-ismijiet.
3) L-*istage* CARAMELO, li jinsab fi Triq il-Wied ma ġemb it-taraġ, ilu sdinqat u mkisser u għadu wieħed mill-qoddma. Dan għandu jinbidel.

**Konklużjoni:**

Il-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar jispera li dawn is-suġġerimenti jintlaqgħu tajjeb u lest li jekk jinbiddlu xi rotot, il-Kumitat jgħaddi l-informazzjoni kollha meħtieġa lir-residenti tas-Swatar sabiex ikunu mgħarfa bir-rotot il-ġodda u b’hekk ir-residenti jkunu moqdijin aħjar u jiżdiedu n-nies li jużaw it-Trasport Pubbliku.

Christopher Galea
Aġent Segretarju Eżekuttiv
Kumitat Amministrattiv Swatar